**21 ta' Awwissu**

## SAN PIJU GĦAXRA, PAPA

*Salmodija tal-ġimgħa li jkun imiss ...*

## IS-SEJĦA GĦAT-TIFĦIR 'L ALLA

V/. Mulej, iftaħli xufftejja.
R/. U fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

### Salm 94 (95)

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej,
ħa ngħajjtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!
Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr,
ngħannulu b'għajat ta' ferħ.

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

Għax Alla kbir hu l-Mulej,
sultan kbir fuq l-allat kollha.
F'idejh huma qigħan l-art,
tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.
Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu;
tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu,
għarkubbtejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!
Għaliex hu Alla tagħna,
u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu.

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

M’hux li kontu llum tisimgħu leħnu!
"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba,
bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,
meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom,
għalkemm raw dak li jien għamilt.

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel;
u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu,
u triqati ma jagħrfux.'
Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi:
Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
U jibqa’ għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

**Ant.** Kristu huwa r-Ragħaj il-kbir: ejjew nadurawh.

## UFFIĊĊJU TAL-QARI

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.

Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,
u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. Ammen. Hallelujah.

### INNU

Kristu, l-ewlieni u l-kbir fost ir-rgħajja,
quddiemek jiġi l-poplu tal-wirt tiegħek,
ħa jrodd foħrija xierqa lil ragħaj tajjeb
fil-festa tiegħu.

Int fil-quċċata rfajtu, sabiex f'ismek
imexxi n-nagħaġ li inti fdajt lil Pietru,
u lkoll jinġabru f'merħla waħda mqaddsa,
fid-dinja kollha.

Tassew mexxej u mudell kbir tal-merħla!
Kien dawl għall-għomja, faraġ għall-imsejkna,
missier ħanin li għal uliedu kollha
sar kollox f'kollox.

Kristu, li jagħti l-ħlas mistħoqq fis-sema
lill-ħbieb li jaqduk tajjeb, żomm 'il qalbna
fit-triq ta' dan l-imgħallem, sakemm fl-aħħar
nissieħbu miegħu.

Tifħir u glorja lill-Missier għal dejjem,
u lilek, Sultan twajjeb, Feddej tagħna;
ikun imsebbaħ kullimkien bla heda
l-Ispirtu s-Santu. Ammen.

## LEZZJONI II

Qari mill-Kostituzzjoni Appostolika *Imnebbħa minn Alla,* tal-Papa San Piju Ghaxra

### *Il-leħen ħlejju tal-Knisja*

Imnebbħa minn Alla, l-awturi mqaddsa sawwru s-Salmi miġbura fl-Iskrittura Mqaddsa. Il-Knisja sa mill-bidu tagħha nqdiet bihom, u b'mod ta' l-għaġeb seħħilha tħeġġeġ it-tjieba tal-fidili, li kienu joffru *f'kull ħin lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir, jiġifieri il-qima ta' xufftejhom li jistqarru ismu.* U skond id-drawwa li ħadet mill-Liġi l-qadima, daħħlithom ukoll fil-Liturġija Mqaddsa u fl-Uffiċċju divin. B'hekk tnissel dak li Bażilju jsejjaħlu *leħen il-Knisja,* u wkoll is-salmodija, li hi *bint innijiet,* kif isejjħilha l-predeċessur tagħna Urbanu Tmienja, li l-qaddisin *jagħnnu bla heda quddiem it-tron ta' Alla u tal-Ħaruf.* Din is-salmodija, kif jgħid San Atanasju, tgħin lill-bnedmin, l-aktar lil dawk li huma mogħtija għas-servizz ta' Alla, biex jitgħallmu *kif għandhom ifaħħru lil Alla u b'liema kliem jinqdew* biex jistqarruh *kif jixraq.* U Santu Wistin għandu kliem sabiħ ħafna fuq dan: *Biex il-bniedem ifaħħar sewwa lil Alla, Alla faħħar lilu nnifsu; u ladarba għoġbu jfaħħar lilu nnifsu, il-bniedem sab kif ifaħħru.*

Is-Salmi għandhom qawwa ta' l-għaġeb biex iqanqlu fl-erwieħ il-ħeġġa għal kull virtù. *Għalkemm l-Iskrittura kollha, sew it-Testment il-Qadim sew il-Ġdid, hija mnebbħa minn Alla u tiswa għat-tagħlim, kif jgħid l-Appostlu, madankollu l-Ktieb tas-Salmi tistħajjlu ġnien ta' hena li jiġbor fih il-frott kollu tal-kotba l-oħra; l-għana tas-Salmi qisu siġra oħra f'dan il-ġnien li, permezz ta' l-istess talb tas-Salmi, iżżid il-frott proprju tagħha u turih flimkien mal-frott l-ieħor.* Dan ukoll jgħidu San Atanasju, li mbagħad iżid tajjeb ħafna: *Jidhirli li s-Salmi, għal min jgħannihom, huma bħal mera; fihom jilmaħ lilu nnifsu u s-sentimenti tiegħu, u b'hekk jgħid is-Salmi skond ma jitqanqal għalihom.* Santu Wistin fl-Istqarrijiet tiegħu qal: *Kemm dmugħ xerridt waqt l-għana ta' l-innijiet u l-kantiċi tiegħek, il-leħen ħlejju tal-Knisja tiegħek, leħen li kien iqanqalni mill-qiegħ! Dak il-leħen kien jinfidli widnejja, il-verità kienet tixxerred f'qalbi, kont inħossni mħeġġeġ għat-tjieba, u d-dmugħ kien jaqbeż minn għajnejja. Kemm swewli ta' ġid!*

Għax tassew. Min ma jħossx ruħu mqanqal b'dawk il-versetti tas-Salmi li sikwit isemmu l-kobor bla qjies ta' Alla, is-setgħa tiegħu bla tarf, il-ġustizzja tiegħu ta' l-għaġeb, it-tjieba u l-ħniena, u l-attributi l-oħra tiegħu li s-Salmi

jagħtuhom l-ogħla tifħir? Min hu dak il-bniedem li, permezz tas-Salmi, ma jħossx ruħu mqanqal biex irodd ħajr lil Alla għall-ġid kollu li jagħtih, jew ma jitolbux bl-umiltà u l-fiduċja l-ġid li jistenna minnu, jew ma jersaqx għandu b'qalb niedma għall-maħfra ta' dnubietu? Min ma jitħeġġiġx bl-imħabba għal Kristu l-feddej, li l-kliem tas-Salmista ipinġilna bir-reqqa x-xbieha tiegħu, u li Santu Wistin, *fis-Salmi kollha, kien jisma' leħnu jgħanni, jew imbikki, jew ferħan bit-tama, jew imxennaq għal xi ħaġa?*

**RESPONSORJU** 1 Tess 2:4. 3

R/. Aħna nxandru l-Evanġelju skond ma konna mġarrbin minn Alla qabel ma fdahulna f'idejna; * U nfittxu li nogħġbu mhux lill-bnedmin imma lil Alla.
V/. It-tagħlim tagħna lilkom la hu ħiereġ mill-għelt, la mill-wiċċ b'ieħor u lanqas mill-qerq. * U nfittxu li nogħġbu mhux lill-bnedmin imma lil Alla.

## TALBA

O Alla, inti mlejt lill-Papa San Piju Għaxra bl-għerf tas-sema u l-qawwa ta' l-Appostli biex jaħdem għall-ħarsien tal-fidi kattolika u għat-tiġdid ta' kollox fi Kristu; fit-tjieba tiegħek, agħtina li aħna nimxu fuq l-eżempju u t-twissijiet tiegħu, ħalli niksbu l-premju ta' dejjem. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

Inbierku l-Mulej.
R/. Inroddu ħajr lil Alla.

## IT-TIFĦIR TA’ SBIĦ IL-JUM

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu.

### INNU

Inxandru r-rebħ u l-ġieħ ta’ bniedem t’Alla,
li kien mexxej imfaħħar, missier għaqli,
qaddej fidil, li Sidu mlieh bil-hena
fis-saltna tiegħu.

Qiegħdu l-Mulej fil-għoli, fuq is-siġġu
ta’ Pietru, jirgħa w jgħallem in-nagħaġ kollha,
bl-imfietaħ tas-smewwiet f’idejh, u s-setgħa
fl-isem ta’ Kristu.

Nersqu bit-tama w nitolbuh li fuqna
tinżel il-maħfra w kull għajnuna f’waqtha;
u bit-talb tiegħu jerfa’ lejn is-sema
xewqatna kollha.

Lil Alla waħdu s-setgħa, l-ġieħ u s-saltna,
għax tiegħu l-glorja fis-smewwiet għal dejjem;
hu jmexxi d-dinja kollha w sħiħa jżommha
bil-liġi tiegħu. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jkun imiss …*

### LEZZJONI QASIRA Lhud 13:7-9a

Ftakru f'dawk li jmexxukom, dawk li wasslulkom il-kelma ta' Alla; aħsbu fuq it-tmiem ta' ħajjithom, imxu fuq l-eżempju tal-fidi tagħhom. Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem. Tħallux li tinġibdu ‘l barra mit-triq b'tagħlim xorta oħra u barrani.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Fuqek, Ġerusalemm, qegħedt l-għassiesa. * Hallelujah, hallelujah. Fuqek.
V/. Lejl u nhar ma jiqfux ixandru isem il-Mulej. * Hallelujah, hallelujah. Glorja. Fuqek.

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom li jitkellem fikom, hallelujah.

Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, *
 għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,
u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni *
 f'dar David, qaddej tiegħu,
bħalma kien wiegħed fl-imgħoddi *
 b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,
biex isalvana mill-għedewwa tagħna *
 u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.
B'hekk juri ħniena ma' missirijietna, *
 u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,
fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna, *
 li jagħtina
li, meħlusin minn idejn l-għedewwa tagħna, *
 naqduh bla biża'
tul ħajjitna kollha, *
 bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu.
U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta ta' l-Għoli; *
 għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu,
biex tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, *
 bil-maħfra ta' dnubiethom,
ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, *
 li jibagħtilna mill-għoli ż-żjara tax-Xemx tielgħa,
ħa jdawwal lil dawk li jinsabu
 fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, *
 ħa jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, *
 u lill-Ispirtu s-Santu,
Kif kien mill-bidu, issa u dejjem, *
 u jibqa' għal dejjem ta' dejjem. **Ammen.**

Ant. tal-kantiku ta' Żakkarija:
Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom li jitkellem fikom, hallelujah.

## PREĊI

Kristu hu r-ragħaj it-tajjeb li ta ħajtu għan-nagħaġ tiegħu. Inroddulek ħajr, u fiċ-ċokon tagħna nitolbuh u ngħidulu:

*Irgħa l-poplu tiegħek, Mulej.*

Kristu, int għoġbok tqiegħed fil-Knisja tiegħek rgħajja qaddisin bħal eżempju tat-tjieba u l-imħabba tiegħek:
- ibqa' uri l-ħniena tiegħek magħna b'rgħajja bħalhom.

Int għadek taqdi l-uffiċċju ta' ragħaj spiritwali permezz ta' dawk li tqiegħed f'ismek fuq il-merħla tiegħek:
- żommna dejjem fit-triq it-tajba taħt il-ħarsien tal-mexxejja tagħna.

Bil-qaddisin tiegħek, li f'idejhom tafda l-popli, turina lilek innifsek bħala t-tabib tar-ruħ u tal-ġisem:
- kompli fina bla heda l-ministeru tal-ħajja u l-qdusija.

Int tipprovdi bnedmin qaddisa biex jirgħu l-merħla tiegħek bl-għaqal u bl-imħabba;
- xerred id-doni tiegħek fuq ir-rgħajja spiritwali tagħna f'dawn il-gżejjer biex jagħarfu jqaddsuna.

**Missierna**

## Talba

O Alla, inti mlejt lill-Papa San Piju Għaxra bl-għerf tas-sema u l-qawwa ta' l-Appostli biex jaħdem għall-ħarsien tal-fidi kattolika u għat-tiġdid ta' kollox fi Kristu; fit-tjieba tiegħek, agħtina li aħna nimxu fuq l-eżempju u t-twissijiet tiegħu, ħalli niksbu l-premju ta' dejjem. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem.
**Ammen.**

## L-GĦASAR

V/. O Alla, ejja eħlisni.
R/. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu.

## INNU

Bniedem sewwa, mudell jiddi
ta' virtù ninsġulek innu;
bih nixtiequ nfaħħru lilek
u l-għemejjel kbar ta' Alla.

Il-Qassis il-kbir ta ħajtu
biex ħbieb t'Alla nerġgħu nsiru:
bil-patt ġdid li għamel magħna,
radd is-sliem lill-poplu mifdi.

Inti minnu nħtart ministru
biex tissokta l-ħidma tiegħu,
tagħti glorja lil Missieru
u ssalvalu l-ġemgħa tiegħu.

Tak l-imfietaħ ta' San Pietru,
fuq il-merħla kollha qiegħdek:
int għajjixtha b'ħobż il-kelma,
b'għerf l-imħabba u bi qdusitek.

Mis-smewwiet, fejn int tithenna,
la tinsiex il-Knisja mqaddsa;
tħalli qatt li n-ngħaġ ta' Kristu
tkun tonqoshom mergħa tajba.

Sebħ lit-Trinità qaddisa,
li, fit-tjieba kbira tagħha,
issa tatek il-ħlas xieraq
ta' qaddej fidil u tajjeb. Ammen.

*Salmodija tal-ġimgħa li jkun imiss ...*

## LEZZJONI QASIRA 1 Piet 5:1-4

Nitlob lill-presbiteri li hemm fostkom, bħala presbiteru jien ukoll u xhud tat-tbatijiet ta' Kristu, u bħala wieħed li għandu sehem mis-sebħ li għad irid jidher: irgħu l-merħla ta' Alla li hi f'idejkom. Ħudu ħsiebha, mhux bilfors, imma bil-qalb, kif irid Alla; mhux għall-qligħ baxx, iżda mħeġġin mill-imħabba; mhux bħallikieku taħkmu bil-qawwa fuq dawk li ġew mogħtijin f'idejkom, imma billi tkunu eżempju għall-merħla. Mbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu l-kuruna tas-sebħ, magħmula minn ward li qatt ma jidbiel.

## RESPONSORJU QASIR

R/. Dan hu l-ħabib ta' ħutu, u jitlob ħafna ghall-poplu. * Hallelujah, hallelujah. Dan.
V/. Huwa ta ħajtu għal ħutu. * Hallelujah, hallelujah. Glorja. Dan.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Dan hu amministratur fidil u għaqli, li s-Sid qiegħdu fuq in-nies tad-dar, biex jagħtihom l-ikel f'waqtu.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.

Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *

u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.
Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.
Glorja.

Ant. tal-kantiku ta' Marija:
Dan hu amministratur fidil u għaqli, li s-Sid qiegħdu fuq in-nies tad-dar, biex jagħtihom l-ikel f'waqtu.

## PREĊI

Kristu hu l-Qassis il-Kbir, imqiegħed għall-bnedmin f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Alla. Nagħtuh tifħir xieraq, u bl-umiltà kollha nitolbuh u ngħidulu:
*Salva lill-poplu tiegħek, Mulej.*
Int xerridt dawl ta' l-għaġeb fuq il-Knisja tiegħek permezz ta' mexxejja kbar u qaddisa:
- ferraħ dejjem u sebbaħ bl-istess dawl lill-poplu nisrani.
Int ħfirt id-dnubiet tal-poplu tiegħek kull meta r-rgħajja qaddisa talbuk bħal Mosè:
- bit-talb tagħhom ibqa' saffi u qaddes il-Knisja tiegħek.
Int ikkonsagrajt għalik il-qaddisin tiegħek minn fost l-aħwa u bgħatt fuqhom l-Ispirtu tiegħek:
- agħti l-milja ta' l-Ispirtu s-Santu lill-mexxejja kollha tal-poplu tiegħek.
Inti nnifsek għoġbok tkun is-sehem u l-wirt tar-rgħajja qaddisa tiegħek:
- tħallix li xi ħadd minna l-mifdija b'demmek jibqa' mingħajrek.
Bir-rgħajja tal-Knisja inti tagħti l-ħajja ta' dejjem lin-nagħaġ tiegħek, biex ħadd ma jaħtafhomlok minn idejk:
- salva lil ħutna l-mejtin li għalihom tajt ħajtek.

**Missierna**

## Talba

O Alla, inti mlejt lill-Papa San Piju Għaxra bl-għerf tas-sema u l-qawwa ta' l-Appostli biex jaħdem għall-ħarsien tal-fidi kattolika u għat-tiġdid ta' kollox fi Kristu; fit-tjieba tiegħek, agħtina li aħna nimxu fuq l-eżempju u t-twissijiet tiegħu,

ħalli niksbu l-premju ta' dejjem. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna, li miegħek jgħix u jsaltan, flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla, għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Għeluq

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Ammen.**